# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Mejju 2016**

**Numru 24**

**Rikors Numru 115/2008PC**

**Anthony u Maria konjuġi Mercieca**

**v.**

**Suzanne Zammit għan-nom u in rappreżentanza ta' Greenlines Environmental Services Ltd**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenuta nomine mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Superjuri, Ġurisdizzjoni Ġenerali, tat-22 ta' Marzu 2012, li permezz tiegħu qed titlob lil din il-qorti tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn laqgħet l-eċċezzjonijiet tagħha, tirriformaha in kwantu laqgħet it-talbiet attriċi u minflok tiċħad l-istess talbiet bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi appellati.

**2.** Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel

qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha.

“Il-Qorti,

“Rat ir-Rikors Ġuramentat ta’ l-atturi li, wara li ppemettew illi:

“1. Illi l-esponenti Suzanne Zammit tiġġestixxi u ċioe’ hija d-direttriċi tal-kumpanija Greenlines Environmental Services Ltd (C14868) liema kumpanija fost l–oħrajn tagħmel xogħol ta’ ġbir ta’ skart;

“2. Illi matul iż-żmien l-istess kumpanija Greenlines Environmental Services Ltd kienet tinqeda bis-servizzi tar-rikorrenti Mercieca għal diversi xogħlijiet ta’ ġbir ta’ skart minn bring-in sites kif ukoll ġbir ta’ separated waste mill-iskejjel ġewwa Għawdex;

“3. Illi l-istess kumpanija intimate għad baqgħalha tħallas lir-rikorrenti bilanċ fl-ammont ta’ disat’elef, tmien mija u disgħa u sebgħin Euro u sitta u tletin ċenteżmu (€ 9,879.36) u dana oltre l-interessi fuq dan l-ammont mid-data tax-xogħlijiet sad-data ta’ l-effettiv pagament;

“4. Illi in oltre, sabiex jikkawtelaw id-drittijiet tagħhom, l-istess rikorrenti fit-28 ta’ Ottubru, 2008 intavolaw ukoll mandate ta’ sekwestru quddiem dina l-istess Onorabbli Qorti fl-istess ismijiet u li għalhekk dina l-istess kawża għandha sservi ukoll sabiex tali mandat jibqa’ in vigour.

“Talbu lill-konvenuta nomine tgħid għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

“1. Tordna lis-soċjeta’ konvenuta sabiex tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta’ disat’ele, tmien mija u disgħa u sebgħin euro u sitta u tletin ċenteżmu (€ 9,879.36) u dana oltre l-interessi fuq dan l-ammont mid-data tax-xogħlijiet sad-data ta’ l-effettiv pagament.

“Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittri interpellatorji tas-7 ta’ Lulju, 2008, f’Awwissu 2008 u ta’ Settembru 2008 kif ukoll ta’ l-ittra uffiċċjali ta’ Lulju 2008 kif ukoll ta’ l-imsemmi mandat ta’ sekwestru kawtelatorju kontra l-istess soċjeta’ konvenuta u bl-inġunzjoni tal-konvenuta għas-subizzjoni li għaliha minn issa hija nġunta.

“Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuta nomine li eċċepiet illi:

“1. **Preliminarjament, l-intimata tinvoka l-privilegium fori u teċċepixxi l-inkompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-Artiklu 741 © u 767 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta.**

“1.1 Illi, kif jidher mid-dokumenti tal-*Malta Financial Services Authority annessi* bħala Dok G1, l-uffiċċju reġistrat tal-kumpanija intimata Greenlines Environmental Services Limited jinsab ġewwa Malta (177 A/6, Marina Street, Pieta’) u mhux f’Għawdex, u Suzanne Zammit, illi

għandha r-rappreżentanza ġudizzjarja tal-imsemmija kumpanija hija wkoll residenti f'Malta.

"1.2 Illi għalhekk l-intimata hija intitolata għall-benefiċċju tal-*privilegium fori* mogħti bl-Artiklu 767 tal-Kap 12, li qed jiġi invokat f'din l-eċċezzjoni.

"1.3 Illi fid-dawl ta' dan huma l-Qrati tal-gżira ta' Malta u mhux il-Qrati t'Għawdex illi huma kompetenti biex jisimgħu dan il-każ.

"2. Illi fil-m**ertu s-somma ta' ħamest elef tmien mija tlieta u sebgħin euro u tlett ċenteżmi (€ 5.873.03) hija ammessa u l-intimata diġa offrieth lir-rikorrenti assaldu tal-pretensjonijiet tagħhom.**

"2.1 Illi l-intimata tammetti t-talba tar-rikorrenti limitatament sas-somma ta' ħamest elef tmien mija tlieta u sebgħin Euro u tlett ċenteżmi (€5,873.03).

"2.2 Illi din is-somma ġiet offerta lir-rikorrenti **assaldu** tal-pretensjonijiet tagħhom kif jirriżulta mill-ittra annessa datata 28 ta' Lulju, 2009 (Dok G2).

"2.3 Illi fil-fatt din is-somma tinsab ġja ddepożitata fir-reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati t'Għawdex wara mandate ta' sekwestru illi kien ġie intavolat mir-rikorrenti (179/2008).

"**3. Illi l-bilanċ mhux dovut, kif ser jiġi ppruvat fil-kawża.**

"3.1 Illi l-intimata ssostni illi hija ma għandha tagħti xejn lir-rikorrenti salv is-somma ta' ħamest elef tmien mija tlieta u sebgħin euro u tlett ċenteżmi (€ 5,873.03) kif ġja ammess u dank if ser jiġi ppruvat f'din il-kawża.

"**4. Illi ai termini tal-artiklu 158(3)(ċ), l-intimata tiddikjara illi, għar-raġunijiet imsemmija, il-fatti kif esposti mir-rikorrenti huma kontestati u jeħtieġ illi jiġu ppruvati.**

"**5. Salvi eċċezzjonijiet oħra li jistgħu jitressqu mill-intimata skond il-liġi.**

"Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li huma minn issa inġunti għas-subizzjoni.

"*Il-kumpanija intimata umilment tirriserva d-dritt illi tipproċedi kontra r-rikorrenti għall-ħlas ta' Danni kif intimate fil-protest fl-ismijiet Greenlines Enironmental Services Limited v John A Said et, tat-3 ta' Lulju, 2008 li kopja tiegħu hija hawn annessa bħala dok G 3.*

"Rat il-verbal tal-konvenuta nomine tas-6 ta' Mejju 2010 fejn irtirat l-eċċezzjoni tagħha dwar il-*privilegium fori*.

"Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Diċembru 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

"Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-affidavits u dokumenti esebiti.

"Ikkunsidrat:

"Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu l-ħlas ta' bilanċ li jgħidu li għadu dovut lilhom mingħand il-konvenuta nomine għal servizz f'Għawdex ta' ġbir ta' skart minn *skips* u *seperated waste* mill-iskejjel.

"Il-konvenuta nomine kkontestat it-talba, pero' limitatament għas-somma ta' erbat elef mija u sitt euro u tlieta u tletin ċenteżmu (EUR 4106.33), u nfatti ddepożitat id-differenza reklamata mill-atturi u ċioe' s-somma ta' ħamest elef tmien mija tlieta u sebgħin euro u tliet ċenteżmi (EUR 5873.03) fir-Reġistru ta' din il-Qorti, liema flus ġew sussegwentement żbankati mill-atturi.

"Mill-povi jirriżulta li l-atturi kienu ġew inkarigati għal xi żmien sabiex jagħmluha ta' sub-appaltaturi tas-soċjeta' Greenlines Environmental Services Limited, li tagħha l-konvenuta nomine hija direttriċi, sabiex jiġbru l-iskart mill-*bring-in sites* f'Għawdex u l-iskart separat mill-iskejjel fl-istess gżira. Dan ix-xogħol għamluh għal diversi snin mingħajr ebda problemi. F'nofs Lulju tas-sena 2008 pero' ġew informati li dan l-inkarigu kien qed jiġi terminat minnufih, wara li din il-kumpanija kienet tilfet il-kuntratt li kellha mal-kumpanija governattiva Wasteserv għall-ġbir ta' dan it-tip ta' skart fil-gżejjer maltin. Sa dakinhar l-atturi kien għad baqgħalhom jithallsu għax-xogħol li kienu għamlu fix-xhur ta' Mejju u Gunju 2008 u l-ewwel nofs tax-xahar ta' Lulju ta' l-istess sena.[1] Inqala'diżgwid bejn il-kontendenti dwar l-ammont li kien għadu dovut u għalhekk saret din il-kawża.

"Skond il-konvenuta nomine l-ammont kontestat jirrapreżenta:

"(i) Somma mhix speċifikata li kellha tirrifondi lill-kumpanija Wasteserv, wara li din informata li kienu ħalsuha l-istess somma indebitament, peress li l-atturi ma kienux ħadmu fil-ħdud u festi;

"(ii) ammont ta' EUR 1327.59 li l-atturi nkludew fil-fatturi tagħhom indirizzati lill-kumpanija tagħha għax-xahrejn u nofs in kwistjoni;

"(iii) EUR 713.23 rappreżentanti l-prezz ta' apparat tas-soċjeta' Datatrack li ġie nstallat fit-trakkijiet ta' l-atturi u baqa' ma ġiex ritornat lilha; u

[1] Ara Dok. AM 1 sa AM 6 a fol. 79 - 84 tal-process

"(iv) EUR 200 prezz ta' xi *skips* proprjeta' tagħha nomine li baqgħu ma ġewx ritornati wkoll.

"Dwar il-pretensjonijiet indikati fl-ewwel żewġ paragrafi hawn fuq, jista' jingħad illi l-atturi ma kellhom ebda relazzjoni mas-soċjeta' Wasteserv u huma ġew inkarigati biex jagħmlu x-xogħol ta' ġbir ta' skart direttament mill-kumpanija rappreżentata mill-konvenuta. Il-ftehim milħuq bejn il-Wasteserv u l-Greenlines Environmental Services Limited kien separat minn dak milħuq minn din il-kumpanija ma' l-atturi bħala sub-appaltaturi tagħha. Apparti l-ġbir ta' skart f'Għawdex, permezz ta' l-atturi, il-Greenlines kienet qed tagħmel xogħol simili f'Malta wkoll, u mkien ma rriżulta li l-ħlas żejjed kien biss dwar ix-xogħol f'Għawdex.[2] Lanqas ma ġie mfisser kif il-konvenuta waslet għall-kalkoli tagħha. Għalhekk jekk il-kumpanija Wasteserv, li magħha kellha l-kuntratt il-konvenuta nomine, dehrilha li kellha titlob xi rifużjoni ta' flus indebitament imħallsa lill-istess konvenuta nomine, ma kellhomx ibatu l-konsegwenzi l-atturi. Barra minn hekk, jidher li din il-kwistjoni dwar ħlas għall-ħdud u festi qatt ma kienet inqalgħet qabel bejn il-kontendenti, tant li l-atturi dejjem tħallsu regolarment skond il-fatturi li kienu jibgħatu lill-Greenlines. Intant irriżulta li anke għax-xahar ta' Mejju 2008 kien laħaq inħareg iċ-*cheque* għall-ħlas skond l-ammont reklamat, iffirmat minn John Said, li dakinhar kien għadu jiġġestixxi l-kumpanija flimkien mal-konvenuta nomine. Dan pero' baqa' ma ntbagħatx lill-atturi minħabba kwistjoni oħra li ma kellha xejn x'taqsam mar-rati ta' pagament dovut. Jirriżulta għalhekk illi fuq dawn il-pretensjonijiet il-konvenuta nomine m'għandhiex raġun.

"Dwar il-partiti ndikati fit-tielet u raba' paragrafi hawn fuq, il-konvenuta nomine jidher li qed teċċepixxi l-kompensazzjoni. Il-liġi tagħna tghid illi t-tpaċija ssir meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin u d-dejn ikun ċert, likwidu u dovut.[3] Fuq prinċipji simili fil-liġi taljana l-**Giorgi** jgħallem illi : ***"La compensazione legale e' quella che si fa di diritto in virtu' della legge, ed anche all'insaputa dei debitori al momento della contemporanea esistenza dei debiti, che reciprocamente si estinguono pe la quantita' corrispondente."***[4] Il-konvenuta tikkontendi illi mill-ammont dovut lill-atturi kellhom jitnaqqsu wkoll il-prezz ta' oġġetti proprjeta' tal-kumpanija tagħha li baqgħu ma ġewx ritornati, u ċioe': (a) l-apparat tad-Datatrak installat fit-trakkijiet ta' l-atturi, u (b) numru ta' *skips*. Dwar l-apparat tad-Datatrak l-atturi llimitaw ruħhom biex jgħidu li dawn kienu ġew installati a spejjeż tal-konvenuta nomine. B'daqshekk ma jfissirx li sar tagħhom, fin-nuqqas ta' prova ta' xi ftehim f'dan is-sens. Fir-rigward imbagħad ta' l-iskips l-atturi ma qalu xejn, u għalhekk dan ifisser li tassew dawn baqgħu għandhom ukoll. Huma għalhekk dovuti lill-konvenuta nomine sew il-EUR 713.23 ta' l-apparat, kif ukoll l-EUR 200 ta' l-iskips, u għandha ssir kompensazzjoni a favur tagħha nomine fl-ammont ta' EUR 913.23.

[2] Ara Dok. A a fol. 101 u e-mails esebiti minn Nazzareno Mangion fl-udjenza tal-15.12.11 .
[3] Ara art.1196 u 1197 Kap. 16 .
[4] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano, Firenze 1911 vol. VIII. para. 5 .

"Għaldaqstant jiġi li għadha dovuta lill-atturi s-somma ta' EUR 4106.33 – EUR 913.23 = EUR 3193.10. Billi dan huwa dejn kummerċjali, l-imgħaxijiet jgħoddu mid-data tas-servizz mogħti, u ċioe' mis-sittax (16) ta' Lulju 2008.

"Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' in parti l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta nomine, tilqa' t-talba ta' l-atturi limitatament għas-somma ta' tlett elef mija tlieta u disgħin euro u għaxar ċenteżmi (EUR 3193.10), bl-interessi relattivi mis-16 ta' Lulju 2008 sad-data tal-pagament effettiv.

"L-ispejjeż, fiċ-ċirkostanzi, jitħallsu kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-konvenuta nomine, u terz (1/3) mill-atturi."

**Rikors tal-appell tal-konvenuta (11.04.2012):**

**3.** Il-konvenuta ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-ewwel qorti u għalhekk interponiet dan l-appell minnha. L-aggravju tagħha jirrigwarda l-ammont ta' €3193.10 li l-ewwel qorti ordnat li kellha tħallas lill-atturi. Dan l-ammont jidher li huwa kompost minn żewġ ammonti partikolari: €1865.51 u €1327.59. Il-konvenuta appellanti nomine irriproduċiet dik il-parti tan-nota tas-sottomissjonijet tagħha tas-27 ta' Frar 2012 relattiva għal dawn l-ammonti.

*L-ammont ta' €1865.51 – ħlas pretiż da parti tal-atturi għal ġbir fil-Ħdud u l-festi*

**4.** Il-konvenuta appellanti ssostni li l-atturi qed jippretendu ħlas għal ġbir ta' skart fil-Ħdud u festi meta fil-verita` Anthony Mercieca ma kienx joffri servizz ta' ġbir ta' skart fil-Ħdud u festi. Tgħid li meta wieħed jikkunsidra l-Ħdud u l-festi f'Mejju u Ġunju 2008 l-ammont totali li huwa dovut minnha (qabel kull tnaqqis ulterjuri) mhux ta' €9979.36[5] kif mitlub mill-atturi, iżda ta' €8113.83. (€9979.36 - €8113.85 = <u>€1865.53</u>).

*L-ammont ta' €1327.59 – is-sehem tal-atturi mill-ammont li kellha tħallas lura lil Wasteserv*

[5] Fil-fatt l-atturi talbu €9879.36 u mhux €9979.36

**5.** Fir-rigward tal-ammont ta' €1327.59 hija tispjega li dan jirrappreżenta s-sehem tal-atturi mill-ammont illi s-soċjeta` Greenlines Environmental Services Ltd (li tagħha hija direttriċi) kellha tħallas lura lil Wasteserv għax kien jirrigwarda *over-invoicing* tas-servizzi tal-atturi. Hija ssostni li għalkemm l-ewwel qorti ma laqgħetx dan l-argument għaliex l-atturi ma kellhomx x'jaqsmu ma' Wasteserv, il-fatti juru mod ieħor. Hija tgħid li l-ftehim bejn il-partijiet f'din il-kawża u l-ftehim bejn Greenlines Environmental Services Ltd kienu *back-to-back* u intrinsikament marbuta flimkien għaliex Greenlines Environmental Services Ltd kienet effettivament titħallas mingħand Wasteserv ir-rata tal-kuntrattur (l-attur) b'*mark-up* li tkopri spejjeż amministrattivi u marġini ta' profitt. Taċċenna għall-korrispondenza da parti ta' Wasteserv fejn hija ġiet mitluba tirrifondi ħlasijiet rigwardanti servizzi fil-Ħdud u Festi u li ta' dawn il-ġranet l-atturi da parti tagħhom kienu diġa tħallsu l-ammont ta' €1327.59. Għalhekk tinsisti li ladarba l-attur kien għamel *over-invoicing* tas-servizzi tiegħu, dan l-ammont għandu jitnaqqas mis-somma pretiża.

**<u>Risposta tal-atturi appellati (09.05.2012)</u>**

**6.** L-atturi wieġbu biex jgħidu li s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma. Huma irriproduċew partijiet sħaħ min-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom tat-23 ta' Jannar 2012.

**7.** Huma fost affarjiet oħra jgħidu li l-ftehim bejn l-atturi appellati u s-soċjeta` konvenuta appellanti kien wieħed totalment distint minn dak ta' bejn is-soċjeta` konvenuta appellanti u l-Wasteserv; jgħidu wkoll li l-ħlasijiet li saru mis-soċjeta` konvenuta appellanti lilhom kienu b'rati ferm inqas minn dawk li l-Wasteserv kienet tħallasha.

**8.** Jirreferu għax-xiehda eżawrienti ta' John Said, li kien direttur ta'

Greenlines Environmental Services Ltd u jgħidu li jirriżulta konfermat li l-ħlasijiet li huma qed jitolbu huma eżattament l-istess ħlasijiet li huma kienu qed jirċievu matul perjodu ta' mill-inqas tlett snin. Jgħidu li jidher biċ-ċar li huma dejjem ħadmu skont il-ftehim mas-soċjeta` konvenuta appellanti u li di fatti hija dejjem onorat il-ftehim magħhom u għamlet il-ħlasijiet dovuti sakemm John Said tneħħa mill-kumpanija.

**9.** Fir-rigward ta' Suzanne Zammit, jgħidu li hija ma taf xejn dwar il-fatti u li saħansitra tammetti li l-ftehim ma kienx sar magħha. Isostnu li l-attriċi Maria Mercieca xehdet bl-aktar mod ċar illi dak li qed tallega l-konvenuta *nomine* huwa totalment inveritier.

**10.** Fir-rigward tar-rappreżentant tal-kumpanija Wasteserv, jgħidu li din hija kompletament superfluwa u mingħajr utilita` għall-każ in kwistjoni.

**11.** Iżidu jgħidu wkoll li Suzanne Zammit bl-ebda mod ma indikat għal liema perjodu qegħda tippretendi li għandha tirċievi rifużjoni tal-ħlasijiet li hija allegatament għamlet żejda. F'dan ir-rigward jgħidu li kellha tippreżenta kontro-talba stante li dak li qed titlob hija mhux li tnaqqas ammont minn dak li huwa dovut għall-perjodu ta' tlett xhur.

**<u>Sfond ta' din il-kawża:</u>**

**12.** Jirriżulta li s-soċjeta` Greenlines Environmental Services Ltd kellha kuntratt ma' kumpanija governattiva Wasteserv fil-gżejjer Maltin. Greenlines kienet inkarigat lill-atturi għal xi żmien bħala sub-appaltaturi sabiex jiġbru l-iskart minn *bring-in sites* u l-iskart separat mill-iskejjel f' Għawdex. Meta l-Greenlines tilfet il-kuntratt li kellha mal-Wasteserv, hija tterminat l-inkarigu tal-atturi. Dan kien f'nofs Lulju 2008 u sa dak iż-żmien l-atturi kellhom jitħallsu ta' xahrejn u nofs xogħol: Mejju, Ġunju u nofs Lulju 2008.

**13.** Huma intavolaw din il-kawża għall-ħlas ta' €9789.36 rappreżentanti bilanċ allegatament dovut lilhom mingħand il-konvenuta nomine. Il-konvenuta qed taċċetta li għandha tħallas €5873.03 u fil-fatt iddepożitat tali ammont fir-Reġistru tal-Qorti, fejn imbagħad ġie żbankat. Għalhekk l-ammont ikkontestat huwa ta' €4106.33.

**14.** Skont il-konvenuta nomine, dan l-ammont ta' €4106.33 jirrappreżenta:

a) €713.23 - l-prezz ta' apparat tas-soċjeta` Datatrack li ġie installat fit-trakkijiet tal-atturi u li baqa' ma ġiex ritornat;
b) €200 - prezz ta' xi skips proprjeta` tas-soċjeta` konvenuta;
c) €1327.59 – l-ammont żejjed li s-soċjeta` konvenuta kienet ħallset lill-atturi rappreżentanti ħlas għal xogħol ta' ġbir ta' skart fil-Ħdud u l-festi għax-xhur ta' Marzu u April 2008 (tispjega li dan kien is-sehem tal-atturi minn somma akbar (mhux speċifikata) li hija da parti tagħha kellha tirrifondi lil Wasteserv wara li din tal-aħħar ġibditilha l-attenzjoni li kien qed isir *over-invoicing* da parti tal-attur).
d) €1865.51 – l-ammont li skont il-konvenuta *nomine* jirrappreżenta ħlas pretiż mill-atturi għal ġbir ta' skart fil-Ħdud u l-festi għall-perjodu ta' Mejju u Ġunju 2008, meta fil-fatt l-atturi ma kinux joffru servizz ta' ġbir ta' skart fil-Ħdud u l-festi.

**<u>Id-deċizjoni tal-ewwel qorti</u>**

**15.** Fir-rigward tal-ammonti ta' €713.23 u €200 rappreżentanti l-apparat installat fit-trakkijiet, u l-valur tal-i*skips*, rispettivament, l-ewwel qorti ikkonkludiet li l-konvenuta kellha raġun targumenta li dawn ma kinux dovuti. Fir-rigward tal-bilanċ ta' €3193.10, rappreżentanti (skont il-konvenuta nomine) ammont imħallas indebitament għal ġbir ta' skart fil-Ħdud u l-festi (fejn ukoll kellha tirrifondi lill-Wasteserv) u talba għal ħlas ta' ġbir ta' skart fil-Ħdud u festi, sabet li ma kellhiex raġun.

**16.** Hija irriteniet li l-ftehim bejn Wasteserv u Greenlines Environmental Services Ltd kien separat minn dak milħuq bejn Greenlines Environmental Services Ltd u l-atturi bħala s-sub-appaltaturi tagħha, u għalhekk jekk il-Wasteserv dehrilha li kellha titlob xi rifużjoni ta' flus indebitament imħallsa minnha lil Greenlines, dawn ma kellhomx ibatuhom l-atturi. Aċċennat għall-fatt li Greenlines kienet tagħmel xogħol simili f'Malta wkoll u mkien ma rriżulta li l-ħlas żejjed li għamlet il-Wasteserv kien biss dwar ix-xogħol f'Għawdex. Osservat ukoll li l-kwistjoni dwar il-ħlas għall-Ħdud u l-festi qatt ma nqalgħet qabel tant li l-atturi dejjem tħallsu regolarment il-fatturi li kienu jibgħatu lil Greenlines.

**<u>L-appell odjern – dwar l-€3191.10:</u>**

**17.** L-appell odjern għalhekk jirrigwarda l-ammont ta' €3191.10 li l-ewwel qorti ordnat lill-konvenuta *nomine* tħallas lill-atturi. Kif ġie spjegat, il-konvenuta *nomine* qed tikkontesta dan l-ammont għax issostni li jirrappreżenta:

(i) flejjes li hija indebitament ħallset lill-atturi għal ġbir ta' skart fil-Ħdud u l-festi għax-xhur ta' Marzu u April 2008 (u li f' dan ir-rigward kellha tirrifondi somma akbar - mhux speċifikata - lil Wasteserv), u

(ii) talba għall-ħlas ta' ġbir ta' skart fil-Ħdud u l-festi ta' Mejju u Ġunju 2008.

**18.** Din il-qorti fl-ewwel lok taqbel mal-ewwel qorti in kwantu qalet li l-ftehim li sar bejn il-Wasteserv u s-soċjeta` konvenuta appellanti huwa separat mill-ftehim bejn is-soċjeta` konvenuta appellanti u l-atturi appellati. Għalhekk jekk fir-rigward tal-perjodu ta' bejn Marzu u April 2008 hemm dan l-ammont ta' €1327.59 li skont il-konvenuta *nomine* tħallas indebitament lill-atturi, dan għandu jitqies li huwa dovut lilha jekk

effettivament jirriżulta li tħallas indebitament abbażi tal-ftehim li l-atturi kellhom mas-soċjeta` konvenuta, u mhux abbażi tar-rifużjoni li s-soċjeta` konvenuta kellha tagħmel lill-Wasteserv.

**19.** In kwantu l-konvenuta *nomine* qegħda tgħid li t-talba tal-atturi tinkludi wkoll talba għall-ħlas ta' €1865.51 rappreżentanti ħlas għal xogħol ta' ġbir ta' skart fil-Ħdud u l-festi ta' Mejju u Ġunju 2008 u għalhekk mhux dovut, hawnhekk ukoll, wieħed irid jara jekk kienx hemm *over-invoicing* da parti tal-atturi abbażi tal-ftehim li kellhom mas-soċjeta` konvenuta.

**<u>Provi</u>**

**20.** L-attriċi Maria Mercieca[6] xehdet li kienu bdew jiġbru l-iskart wara li kien avviċinhom ċertu John Said. Spjegat li kien ċemplilhom u saqsihom ridux ikunu sub-kuntratturi għal Għawdex. Qalet li huwa kien mar id-dar tagħhom u kienu tkellmu f'dan ir-rigward. Hija qalet li bdew jaħdmu fis-sena 2003 jew 2004 u waqfu fl-2008. Qalet li meta kienet daħlet Suzanne Zammit ma ħallsithomx tax-xogħol ta' Mejju, Ġunju u nofs Lulju 2008.

**21.** John Said[7] xehed li kien proprju hu li introduċa l-*bring-in sites* f' Malta. Xehed li l-kumpanija Greenlines kien ikkreaha hu u kien daħħal lit-tifel tiegħu Patrick fiha. Spjega li l-konvenuta Suzanne Zammit kienet l-għarusa tat-tifel tiegħu u li dan kien kitbilha kollox qabel ma miet. "*Ix-shares kont diġa dawwarthom kollha fuqu, imbagħad wirtithom kollox hi*." Spjega li ċ-ċekkijiet kien jiffirmahom hu, iżda imbagħad il-konvenuta kienet riedet li tiffirma ċ-ċekkijiet miegħu u kien aċċetta. "*U bdiet tiffirma ċ-cheques*." Fir-rigward tax-xogħol li kienu jagħmlu l-atturi jgħid li "*Jien*

---

[6] Xiehda ta' Maria Mercieca, 23.02.2010- fol 67-68, u 01.07.2010 – fol 76-78
[7] Xiehda ta' John Said, 23.02.2010 – fol 69-73, u 01.07.2010, fol 85-88

*fl-aħħar tax-xahar kont inħallashom mill-ewwel*." Jgħid li hu kien spiċċa minn mal-kumpanija f'Ġunju 2008 u kien lestielhom ċ-ċekk għax-xahar Mejju 2008 kif kien jagħmel is-soltu. "*Jiena kont nippreparalha ċ-ċekk, kont niffirmah, u ħallejtulha ta' Mejju, u milli jidher ma tatulhomx ta' Mejju…..Jien sa Mejju nista' nitkellem għax fit-3 jew l-4 ta' Ġunju ma bqajtx hemmhekk iżjed. Ta' sentejn ilu, 2008, jiġifieri*."

***22.*** Suzanne Zammit[8] spjegat li Anthony Mercieca kien jiġbor skart minn *bring-in sites* u kien jiġbor ukoll *separated waste* mill-iskejjel. Qalet li kien joħorġilhom fatturi u huma kienu jitħallsu mingħand il-Wasteserv wara li jgħaddulhom il-kontijiet tal-attur. Mistoqsija fil-kontro-eżami tagħha dwar il-ftehim li s-soċjeta` konvenuta kienet għamlet mal-atturi hija rrispondiet li mhux hi kienet għamlitu. Qalet li "*…jiena sa fejn* (naf) *jiena dan xogħlu kien jaħdem matul il-ġimgħa kollha, Ħdud u festi mingħalina li jaħdimha…"* Pero` mistoqsija eżattament x' kien il-ftehim hija rrispondiet "*Ma nafx, assolutament."*

**23.** Skont ma jirriżulta mill-email mibgħuta mill-Wasteserv lis-soċjeta` konvenuta datata 2 ta' Ġunju 2008[9], il-ftehim bejn l-istess Wasteserv u s-soċjeta` konvenuta Greenlines Environmental Services Ltd kien illi fl-Ħdud u l-festi ma jsirx ġbir ta' skart mill-Bring In Sites, ħlief meta jkun mitlub: *"…on Sunday and feasts you are to collect Bring In Sites when and as required and therefore you are supposed to invoice us accordingly. According to our records, in March we did not ask for your services on the following Sundays and Feasts….therefore for the month of March you should have invoiced us for a total of 23 days and not for 31, kindly issue a credit against invoice number dated 31st March 2008 at your earliest convenience.*"

[8] Affidavit ta' Suzanne Zammit – fol 93-95, kontro-eżami tat-03.05.2011 fol 97-99
[9] Fol 111

**Kunsiderazzjonijiet**

**24.** Din il-qorti tosserva fl-ewwel lok li ma ġiex pruvat x'kien jgħid il-ftehim bejn l-atturi u s-soċjeta` konvenuta Greenlines Environmental Services Ltd fir-rigward ta' ġbir ta' skart fil-Ħdud u l-festi. Suzanne Zammit qalet li kien mingħaliha li xogħol l-atturi kien li jiġbru l-iskart il-ġranet kollha tal-ġimgħa imbagħad qalet li "assolutament" ma kinitx taf x'kien jgħid il-ftehim.

**25.** Il-korrispondenza tal-Wasteserv titfa' dawl fuq il-ftehim li kien hemm bejn il-Wasteserv u s-soċjeta` konvenuta u mhux fuq il-ftehim li kien hemm bejn is-soċjeta` konvenuta u l-atturi.

**26.** Kif osservat l-ewwel qorti, il-kwistjoni dwar il-Ħdud u l-festi qatt ma inqalgħet qabel u l-atturi dejjem tħallsu regolarment skont il-fatturi li kienu jgħaddu lil Greenlines. Kien proprju John Said li kien inkariga lill-atturi bħala sub-kuntratturi sabiex jiġbru l-iskart għall-kumpanija Greenlines, u li kien hu li daħal fil-ftehim magħhom, u sakemm John Said kien għadu jiġġestixxi l-kumpanija flimkien ma' Suzanne Zammit il-pagamenti dejjem saru regolarment, u huwa dejjem ħallashom ta' kull xahar mingħajr kwistjonijiet għal erba' jew ħames snin. Il-probabilita` għalhekk hija li l-fatturi li kienu joħorġu l-atturi kienu jirriflettu l-ftehim ta' bejnhom u bejn John Said kemm dwar il-ġranet tal-ġimgħa li fihom kellu jinġabar l-iskart u kif ukoll dwar ir-rati, għaliex kieku ma kienx hekk John Said ma kienx iħallashom l-ammont mitlub minnhom xahar wara l-ieħor għal tant żmien. Saħansitra l-ammont pretiż mill-atturi għal Mejju 2008 jidher li kien aċċettat mill-istess John Said tant li fil-fatt kien anke iffirma ċ-ċekk relattiv "*bħas-soltu, l-istess".*

**27.** Fid-dawl tal-premess din il-qorti hija tal-fehma li l-argumenti tal-konvenuta appellanti *nomine* biex tiġġustifika għaliex m'għandhiex tħallas l-ammont ta' €3193.10 lill-atturi huma infondati.

**<u>Decide</u>**

Għall-motivi premessi din il-Qorti tiċħad l-appell tal-konvenuta appellanti *nomine* bl-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu mill-istess konvenuta appellanti *nomine.*

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df